19 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Kan. Dekan Francesco Camilleri et. *versus* Salvina Camilleri

**Testment — Indenjità — Vjolenza — Dolo — Ingann — Kompliċità — Art. 642, inċ. 4, tal-Kodiċi Ċivili (ġà 303 ta' l-Ord. VII ta' l-1868).**

*Min jimpedixxi lit-testatur li jagħmel testment jew li jħassar testment li già għamel, isir indenn u inkapaċi li jirċievi b'testment minn għand dak it-testatur.*

*Għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi hemm bżonn jiġi ppruvat li kien hemm vjolenza jew dolo minn għand dak li l-liġi trid tippenalizza per mezz ta' din id-dispożizzjoni, jew almenu li huwa kien kompliċi ma' ħadd ieħor li uża dik il-vjolenza jew dak l-ingann.*

*Il-materja hija odjuża, u għalhekk il-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti, u f'każ ta' dubju, dan għandu jmur favur min huwa azzjonat b'din l-azzjoni.*

*Biex tirnexxi din l-azzjoni huwa meħtieġ l-ewwelnett jiġi ppruvat li t-testatur kellu volontà ferma u determinata li jagħmel testment*

*jew li jbiddel dak li già għamel. L-atti mbagħad iridu jkunu jikkonsistu fi vjolenza, fiżika jew morali, jew f'ingann, u dawn iridu jkunu tali li jimpedixxu lit-testatur li jagħmel it-testment.*

*Id-diffikultajiet, l-isturbju u t-tfixkil, ma humiex biżżejjed, għax ma jikkonduċux neċessarjament għall-impediment reali u effettiv. Lanqas it-taħb, anki insistenti, ma jammonta għal dik il-vjolenza li trid il-liġi. L-atti użati iridu jaslu biex jimpedixxu vjolentement lit-testatur, jew lin-nutar jew lix-xhieda, milli jagħmlu t-testment.*

*Anki l-atti kompjuti minn ħadd ieħor iridu jkunu tali li jimpedixxu realment li jsir it-testment; biex ikun hemm kompliċità f'dawn l-atti, iridu jkunu saru bi ftehim minn qabel bejn min għamilhom u dak li jiġi attakkat bħala indenn.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex, fil-kompetenza tagħha Superjuri, fejn, wara li ppremettew li b'testment magħmul fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giuseppe Cauchi fis-16 ta' Lulju 1943, il-konvenuta, flimkien ma' żewġha Pietro Camilleri, bin il-mejjet Carmelo, il-lum mejjet, ħu l-atturi, kienu innominaw lil xulxin werrieta universali, u fis-17 ta' l-istess xahar, ftit sigħat qabel mewtu, l-imsemmi Pietro Camilleri wera d-determinazzjoni tiegħu li jbiddel it-testment fuq imsemmi kwantu għad-dispożizzjonijiet tiegħu, u dana huwa ma setax jagħmel għax gie mfixkel u impedut minn martu l-konvenuta, li għalhekk irrendiet ruħha indenja li tissuċċiedi lil żewġha fit-termini ta' l-art. 303, para. 4, ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, bil-konsegwenzi kollha komminati hemmhekk; talbu illi jiġi dikjarat u deċiż :— 1. Illi l-konvenuta bil-għamil tagħha fixklet u impediet illi l-imsemmi żewġha Pietru Camilleri ftit qabel mewtu jbiddel kwantu għad-dispożizzjonijiet tiegħu t-testment fuq imsemmi, kif kien wera d-determinazzjoni tiegħu li jrid jagħmel; 2. Illi b'hekk l-istess konvenuta rrendiet ruħha indenja li tissuċċiedi lil żewġha, fit-termini tal-paragrafu 4, art. 303, Ord. VII ta' l-1868, bl-effetti kollha previsti hemmhekk; 3. U għalhekk hemm lok li tiġi dikjarata miftuħa s-suċċessjoni leġittima ta' l-imsemmi Pietro Camilleri, salvi l-legati ordnati minnu; salvi d-dritti-

jiet u azzjonijiet oħra. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1943;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Għawdex bħala Qorti Ċivili fil-Kompetenza Superjuri tad-29 ta' Novembru 1945, fejn laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat illi l-konvenuta bl-għemil tagħha fixklet u impediet l-imsemmi żewġha Pietro Camilleri, ftit qabel mewtu li jbiddel kwantu għad-dispożizzjonijiet tiegħu t-testment "unica charta" li huwa kien għamel magħha fis-16 ta' Lulju 1943, fl-attijiet tan-Nutar Giuseppe Cauchi, fejn huma kienu innominaw lil xulxin werrieta universali, kif kien wera d-determinazzjoni tiegħu li ried jagħmel, u ordnat illi l-ispejjeż ta' dik id-dikjarazzjoni u tal-provi miġjubin, minħabba n-novità tal-każ u ċ-ċirkustanzi kollha konnessi, ikunu mingħajr taxxa, barra d-dritt tar-reġistru kontra l-konvenuta; wara li rrikapitulat il-fattijiet u kkunsidrat;

Illi ma rriżultax minnu ebda provi illi Pietro Camilleri u martu ma kienux jaqblu u ma kienux in armonija; illi meta jkunu konfrontati x-xhieda miġjuba jirriżulta illi l-konvenuta ma kienetx korretta f'diversi punti, u ommha setgħet kienet mhux informata biżżejjed; illi l-liġi tikkommina l-indenjità kontra min ikun impedixxa lit-testatur li jagħmel testment ieħor jew iħassar dak li jkun għamel; u dan il-każ jixbah dak kontemplat fit-tielet inċiż ta' l-istess artikolu rigward il-vjolenza wżata kontra t-testatur, u għalhekk huma applikabili l-istess raġunijiet "mutatis mutandis"; il-mezzi jistgħu jkunu morali jew materjali, sew kontra t-testatur kemm kontra n-nutar u x-xhieda; u fil-każ preżenti, skond id-diversi xhieda prodotti li d-depożizzjoni tagħhom ġiet rikapitolata mill-Ewwel Qorti, in-nutar ma setax jiċċerzjora lit-testatur u jippubblika l-att minħabba x-xkiel li sab mill-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Salvina Camilleri u l-petizzjoni tagħha, fejn talbet ir-riforma ta' dik is-sentenza, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talbiet ta' l-atturi u kkundannat parti mill-ispejjeż lill-appellanti, u għalhekk ikunu respinti

-talbiet kollha ta' l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra agħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 642 tal-Kodiċi Ċivili (antik 303 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), fl-inċiż 4 tiegħu, igħid illi "huwa inkapaċi bħala ndenn li jirċievi permezz ta' testment, dak illi jkun impediixxa t-testatur li jagħmel testment ġdid jew li jirrevoka dak li għamel..................." Dina d-dispożizzjoni għandha l-fondament tagħha ġuridiku fil-prinċipju li jkun immorali li wieħed li jkun uża vjolenza jew dolo biex it-testatur ma jagħmilx testment ġdid jew biex ma jirrevokax dak li ġa għamel ikun jista' eventwalment jiġi premjat u jieħu l-frott ta' dik il-vjolenza jew ta' dak l-ingann. Għalhekk għal din id-dispożizzjoni huwa meħtieġ li jiġi pruvat illi kien hemm vjolenza jew dolo magħmul minn għand dak li l-liġi trid tippenalizza permezz ta 'din id-dispożizzjoni, jew almenu li huwa kien kompliċi ma' oħrajn li użaw dik il-vjolenza jew dak l-ingann. Kif jidher, qegħdin f'materja odjuża ħafna, tant għaliex irid ikun stabbilit illi kien hemm vjolenza, materjali jew morali, jew ingann — żewġ attijiet li fihom innifishom huma odjużi ħafna, sija għan-natura tagħhom, sija għall-konsegwenzi gravi taddekadenza minn drittijiet importanti li dawn iġibu warajhom. Konsegwentement hija dottrina u ġurisprudenza, wisq akkreditata u ġusta, illi f'materja simili l-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Diversament, f'każ ta' dubju, dan għandu jmur favur il-konvenut li kontra tiegħu tkun eżerċitata din l-azzjoni; u dan in forza tal-prinċipju illi "interpretatione legum poenae molliendae sunt potius quam asperandae" (L. 42, Dig. XLVIII. 19), u "In re dubia benigniorem interpretationem sequi non minus justius est quam tutius" (L. 192, § 1, Dig. L. 17);

Tikkunsidra;

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji fondamentali fil-materja, għandu jiġi eżaminat:—

1. Jekk kienx hemm da parti ta' Pietro Camilleri l-volontà ferma u kunsidrata illi jbiddel it-testment li kien diġà

għamel fis-16 ta' Lulju, "unica charta" ma' martu l-konvenuta;

2. Liema attijiet għamlet l-appellanti in okkażjoni ta' dak it-tieni testment li kien sejjer isir;

3. Jekk dawk l-attijiet saru minn xi kompliċi tagħha;

4. Jekk dawk l-attijiet, mhux biss fixklu lit-testatur jew lin-nutar, iżda effettivament waslu sal-pont li impedew li jsir dak it-tieni testment;

Fuq l-ewwel pont; irriżulta.............. illi wara li Pietro Camilleri kien għamel testment............, Giuseppe Camilleri, wieħed mill-atturi, b'xi mod jew ieħor ġie jaf bih, u anki bil-kontenut tiegħu; u għalhekk hu evidentement ħaseb illi jsib l-opportunità u l-mument meta jkun jista' jkellem lil ħuh, Pietro Camilleri, u għaldaqstant huwa mar jarah.............; x'sar dak il-mument bejn Pietro u Giuseppe Camilleri ma jirriżultax biżżejjed, għaliex ma hemm ħadd li seta' xehed fuq din iċ-ċirkustanza ħlief mill-istess Giuseppe Camilleri, li qal illi Pietro talbu biex iġiblu nutar. Jekk dana ġarax spontaneament da parti ta' Petro jew inkella kienx għal xi insistenza jew talba da parti ta' Giuseppe Camilleri, fis-sens illi l-familja tiegħu ma għandux jinsiha, ma jirriżultax; però minn dak li ġara wara hemm dubju serju jekk il-proposta kienetx ġejja spontaneament da parti ta' Pietro. Infatti xi diskors kien hemm żgur, għaliex kien dak id-diskors illi qajjem lill-appellanti, li refgħet rasha u sabet lill-attur Giuseppe f'post ħdejn is-sodda ta' ħuh, minn fejn hija ma setgħetx tarah, u kif hija qamet, Giuseppe immedjatament qam u qal "sa mmur"................, mar għand in-Nutar Cauchi u qallu li Pietro jridu, "irid ikellmek"..............., L-attur Dekan Camilleri, infurmat mill-attur l-ieħor, dak il-ħin mar għand Pietro Camilleri................; wara ftit mar in-Nutar, li staqsa lil Pietro jekk bagħatx għalih u riedx igħidlu xi ħaġa, u Pietro rrisponda affermattivament.............., l-appellanti marret għal ommha, in-Nutar tkellem ma' Pietro, u skond ix-xhieda tan-Nutar stess Pietro qallu li jrid ibiddel l-istituzzjoni ereditarja.................u allura haqa' miegħu li jmur id-dar, jirranġa t-testment u jirritorna għall-pubblikazzjoni; mar id-dar tiegħu

fejn ipprepara dak it-testment, u meta kien sejjer lura ltaqa' ma' omm l-appellanti li qaltlu *illi Pietro ma riedx ibiddel; imma n-nutar qal li ma jistax joqgħod fuq kliemha*; rega' mar...... daħal l-attur *Giuseppe* u kien hemm xi litigar bejnu u bejn l-appellanti; wara daħlet omm l-appellanti, kif ukoll Angiolina Camilleri, u l-litigar iżjed kiber............... Kien hemm xi suggerimenti lil Pietro minn banda u mill-oħra; l-appellanti bdiet tgħidlu biex ma jħassarx dak li kien għamel, u Giuseppe beda jgħidlu biex iħallilha biss it-tgawdija, għaliex dik hija barranija; u hawn bdew jitlewmu.............. In-nutar qal ukoll illi l-impressjoni tiegħu hija li *Pietru* baqa' b'*dik* il-volontà sa l-aħħar............ Jirriżulta anki mix-xhieda tad-Dekan Camilleri, wieħed mill-atturi, illi *meta* kien hemm dak il-litigar *huwa qal biex min ma għandux* x'jagħmel joħroġ................; fl-istess ħin l-appellanti daħlet bejn in-nutar u żewġha, jiġifieri bejn il-mejda tan-nutar u s-sodda ta' Pietru, in-nutar qal bil-pretest li tirrangalu s-sodda, u bdiet tgħidlu kontinwament "Piet, la tbiddilx, la tħassarx; għaliex sejjer tagħmilli hekk; lili u 'l-Alla għandek"; mentri Pietru kien jirrispondi "in-nofs biżżejjed", jew "in-nofs mhux biżżejjed?", u anki darba ħareġ idu. L-attur id-Dekan qal illi billi ra li Pietru kien qiegħed jippeġġjora *u t-tfixkil* kien baqa' l-istess, qal lin-nutar:— "*Inti għal xejn qiegħed hawn, għax ma tista' tagħmel xejn*". Allura n-nutar mar, u l-attur id-Dekan irrakkomandalu biex ikellem konfessur billi raħ sejjer għall-agħar u dan kien qiegħed jinkwetah; l-attur qal illi huwa ma ndaħallux, imma jagħmel l-affarijiet bil-kuxjenza u jaħseb anki f'martu; imbagħad wara ftit kien mar l-Arċipriet.............. sab hemm lill-konvenuta weħedha mal-marid; din daret fuq żewġha u qaltlu:— "Ara, Piet, għandekx xi ħaġa xi tgħidlu", jew espressjoni simili, u ħarġet fil-bitħa; wara xi żmien, u qabel huwa ħareġ, reġgħet daħlet, imma ma jiftakarx li qalet xejn. L-Arċipriet ġie *msejjaħ* kif xehed l-attur id-Dekan, *fuq rakkomandazzjoni ta'* l-istess Dekan, biex ikellem lill-Arċipriet jew lil xi qassis;

Tikkunsidra:

Illi minn dan jidher illi kien Pietro Camilleri li annuwixxa

biex imur in-nutar il-ġurnata tas-Sibt, 17 ta' Lulju, u ried ibiddel it-testment; iżda dan jidher li kien fuq suġġeriment ta' l-istess Giuseppe Camilleri meta mar ikellmu u l-konvenuta kienet rieqda. Tant huwa hekk, li..........; iżda kieku l-propożitu ta' Pietru kien ferm u definitiv, huwa stess kien igħid lin-nutar biex jimxi 'l quddiem, u ma jibqax passiv.......; ċirkustanza oħra toħroġ mill-fatt illi wara li n-nutar baqa' hemm għal xi siegħa u nofs f'dak il-battibekk kontinwu, id-Dekan qal lin-nutar li jista' jmur għax ma jista' jsir xejn, u effettivament in-nutar qal lil Pietru li huwa sejjer, jekk ikun iridu jibgħatu għalih, u skond ix-xhieda Pietru qallu "iva", jew inkella annuwixxa għal dak li qallu n-nutar. Kieku d-determinazzjoni ta' Pietru Camilleri li jbiddel kienet soda u ferma, u mhux flutwanti skond id-diversi suġġerimenti li kien qiegħed jirċievi, meħuda konsiderazzjoni ta' dawk l-aħħar siegħat tal-ħajja tiegħu, huwa kien ċertament igħid lin-nutar biex jibqa' hemm, la darba kien bagħat għalih, u biex jippublika t-testment. Dan jiġi iżjed aċċentwat meta n-nutar ħareġ, baqa' hemm l-attur id-Dekan u l-konvenuta, u allura d-Dekan seta' jkellem fil-kwiet lil ħuh, u qallu li jagħmel dak li l-kuxjenza tiegħu tgħidlu, u li għandu l-ewwelnett jaħseb għal ruħu u mbagħad għal martu. Pietro Camilleri f'dawk il-mumenti kien ċertament juri lil ħuh li huwa jrid li t-testment jitbiddel u jitolbu jagħmel mezz biex jerġa' jissejjaħ in-nutar. L-istess jingħad meta wara mar l-Arċipriet, għalkemm forsi ż-żmien kien daħal wisq u l-istat tiegħu kien peġġorat;

Għalhekk ma jidherx li kien hemm fil-volontà ta' Pietro dik id-determinazzjoni ferma li jbiddel it-testment; u hemm dubju serju, in vista tal-fatti fuq esposti, reġax biddel l-idea tiegħu meta ra l-mara tiegħu qiegħda titolbu biex ma jagħmilx ħaġa simili;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, dak li għamlet l-appellanti in okkażjoni ta' dak il-propost tieni testment, jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur id-Dekan Camilleri, kif ukoll minn dik tan-nutar, illi hija kienet qiegħda tinsisti ma' żewġha biex ma

jbiddelx it-testment, u ma jirrevokax l-ewwel testment; infatti d-Dekan igħid..................;

Mix-xhieda tan-nutar jirriżulta bejn wieħed u ieħor l-istess ħaġa, illi ċjoè kien hemm battibekk kontinwu bejn il-familja ta' Pietro minn banda u l-appellanti u ommha mill-banda l-oħra. Wara li Giuseppe Camilleri u Angiolina Camilleri ħarġu mill-kamra, in-nutar ta s-salt biex, kif qal huwa, jiċċerzjora lit-testatur, imma (kliem tan-nutar), "il-konvenuta daħlet bejnietna, u bil-pretest li tirranġalu s-sodda kienet tgħidlu "tħassarx, tbiddilx"; jiena tajtu n-nifs, u wara ftit erġajt ippruvajt nagħmel iċ-ċerzjorazzjoni; imma l-konvenuta reġgħet għall-istess *operazzjoni* u jiena ma stajtx nagħmel xejn..............." In-nutar qal ukoll illi ma ppublikax minħabba f'dik l-insistenza li baqgħet sa l-aħħar; ġietu l-idea li jġib il-Pulizija, imma beża' minn xi kollass fit-testatur;

Kif intqal iżjed 'il fuq, huwa neċessarju illi f'dawn il-każijiet tiġi pruvata l-vjolenza, fiżika jew morali, kontra t-testatur, in-nutar jew ix-xhieda jew inkella xi ingann li minħabba fih it-testment ma setax isir. Biex wieħed jasal għall-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti, eskluż l-ingann, li lanqas remotament ma huwa akkampat mill-atturi, huwa meħtieġ li jiġi assodat li l-konvenuta b'dak l-atteġġjament fuq imsemmi wżat vjolenza, fiżika jew morali;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk għandha tiġi eżaminata r-raba' kwistjoni, jekk kienx hemm dik il-vjolenza li trid il-liġi, li waslet għall-"impediment" li jsir it-testment. U jingħad "impediment" għaliex il-liġi hija kategorika fuq dan, u tgħid "dak li ma jkunx ħalla lit-testatur jagħmel testment ġdid"; u fid-dizzjoni Ingliża, li iżjed tesprimi l-idea, "prevented the *testator*". Peress illi l-kelma tradizzjonali tal-liġi hija kif kienet fid-dizzjoni antika, "colui che avesse *impedito*". Mela huwa meħtieġ xi att ta' vjolenza, fiżika jew morali, li minħabba fih it-testatur jew in-nutar ġie impedut li jagħmel it-testment. Id-diffikultajiet, l-istorbju, it-tfixkil, ma humiex biżżejjed skond il-kelma u l-ispirtu tal-liġi, iżda dawk l-atti għandhom neċessarjament jikkonduċu għall-impediment reali u effettiv.

F'dan il-każ, meta l-konvenuta rat illi f'daqqa waħda mar għandhom l-attur id-Dekan, ippreżenta ruħu n-nutar, u wara marru wkoll Giuseppe u Angiolina Camilleri, ċertament ma qagħditx passiva, iżda bdiet tgħid u titlob lil żewġha biex ma jħassarx it-testment. U jidher dak li kienet qiegħda tagħmel il-konvenuta mix-xhieda ta' l-istess attur id-Dekan Camilleri, li ma tistax tiġi għal minuta dubitata, iżda aċċettata, meta qal illi f'dak il-mument importanti illi n-nutar mar ħdejn is-sodda ta' Pietru biex jispjegalu dak li kien kiteb, u mhux biex jagħmel vera u proprja ċerzjorazzjoni, hija marret bejn in-nutar u s-sodda u qalet :— "Piet, la tbiddilx, la tħassarx, għaliex sejjer tagħmilli hekk, lili u 'l Alla għandek". Dawn il-kliem juru biċ-ċar li kien hemm pregjera da parti tagħha, talba lil żewġha biex ma jagħmilx dik l-offiża lilha, għaliex tajjeb jew ħażin hija dak il-mument fehmitha hekk..............
Issa f'dan il-każ vjolenza fiżika ċertament ma kienx hemm, u l-Qorti tħoss illi minħabba l-istat li fih kien Pietru, b'volontà fluttwanti għad-diversi suġġerimenti li kien qiegħed jirċievi, ma jidherx li hemm biżżejjed biex jingħad li kien hemm vjolenza morali. Infatti, għalkemm f'dan il-każ ma tkunx ħaġa fiżika u materjali, iżda biex ikun hemm att li qiegħed kważi jikkmanda l-volontà ta' ħaddieħor, irid ikun hemm dik il-vjolenza. Issa hija talbet lil żewġha, sija pure kontinwament, biex ma jagħmilx dik il-ħaġa. "Virum, qui non per vim, nec dolum, quo minus uxor contra eum, mutata voluntate, codicillos faceret, intercesserat; sed (ut fieri adsolet) offensam aegre mulieris maritali sermone placaverat, in crimen non incidisse respondi, nec ei, quod testamentum fuerat datum, auferendum" (L. 3, Dig. Si quis aliquem). U d-dottrina hija ta' l-istess fehma fil-materja, illi biex ikun hemm il-vjolenza irid ikun hemm xi ħaġa ta' gravità minn fejn jirriżulta illi t-testatur, jew in-nutar, jew xi xhieda, kienu vjolentement impeduti li jsir it-testment; "al contrario", igħid il-Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol. I, p. 199, "non diviene indegno di succedere al decujus quegli che con persuasioni, preghiere, e blandizie lo abbia indotto a non far testamento o a non revocare il già fatto";

Ta' l-istess fehma hija l-gurisprudenza. Infatti l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Imħallef Dr. Filippo Pullicino) fis-27 ta' Ġunju 1876, in re "Formosa vs. Attard", f'każ analogu bħal dan, kienet irritteniet "che le persuasioni di cui talvolta la convenuta avrà potuto fare uso per indurre il fratello a mantenere le fatte disposizioni ed a non alterarle, non "per vim aut dolum", come si esprime la Leg. 3 Dig. nel titolo citato "Si quis aliquem", non darebbero luogo alla decadenza, allo incontro del caso in cui la stessa avesse impedito che il notaro chiamato dal moribondo per ricevere le sue disposizioni giungesse fino a lui" (Leg. 1, loc. cit.), o che avesse impiegato manovre fraudolenti per distogliere i testimoni chiamati dal moribondo di recarsi da lui (Leg. 2, loc. cit.)";

Il-Pothier, in komment tal-liġi fuq ċitata jgħid (Pandette Vol. IV 1841) :— "Se il testatore non venne sforzato, ma persuaso, non ha luogo la pena. Quindi Diocleziano e Massimiano rescrivono che un marito non è colpevole se persuade la moglie a fare testamento in di lui favore; similmente se il testatore non fu impedito, ma distornato, dal cambiare volontà, non ha luogo la pena";

L-atturi qegħdin jassumu illi t-testment ma setax isir għaliex in-nutar kien impedut mill-konvenuta; iżda dan ma jirriżultax biżżejjed. Infatti (1) ix-xhieda lanqas kienu għadhom ġew, u n-nutar jew il-familja tad-decujus lanqas ħasbet biex iġġib ix-xhieda — ħaġa li kien hemm bżonn li kellha ssir — preċiżament minħabba dak il-battibekk li kien hemm; (2) in-nutar igħid li ma setax jispjega lid-decujus x'kiteb minħabba l-aġir tal-konvenuta, iżda din ma għamlet l-ebda impediment ħlief titlob lil żewġha sa l-aħħar biex ma jbiddelx; iżda kieku żewġha ried ikompli f'dik il-volontà tiegħu, u żmien kien hemm biżżejjed, u n-nutar uża l-awtorità tiegħu ta' uffiċjal publiku biex ma jippermettix iżjed kliem f'dik il-kamra jekk kien deherlu li wasal il-mument li juża dik l-awtorità, allura t-testment seta' jiġi publikat; u ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet oħra l-għala ma setgħetx issir il-publikazzjoni;

U ngħad li kien hemm żmien biżżejjed; infatti..........;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tielet kwistjoni; il-liġi tgħid ukoll li d-dispożizzjoni ta' l-art. 642 hija applikabili wkoll għal dak li jkun kompliċi ma' oħrajn għal dawk il-fattijiet; vwoldiri illi l-impediment, minflok ġie minn għand il-konvenuta, ġie minn għand ħadd ieħor, per eżempju ommha, purkè hija tkun kompliċi. U l-liġi, meta tuża dina l-kelma ta' kompliċi, tirriferixxi ċertament għal sinjifikat illi l-liġi penali tagħti lil din il-kelma, u ċjoè illi dak li sar sar bi ftehim mal-konvenuta. Dan huwa raġjonevoli, għaliex jekk dan ikun pruvat, allura l-konvenuta tkun ħatja qisha hija stess għamlet l-att. F'dan il-każ, meta l-konvenuta rat id-Dekan u mbagħad in-nutar, marret għal ommha; din hija ħaġa naturali, peress illi rat hemm persuna tal-familja ta' żewġha f'ħin li probabilment ma kienx imur, wara li kien ħareġ l-attur l-ieħor u n-nutar kien mar jew sejjer imur hemm. Iżda s-sejħa ta' ommha ma għandhiex tiġi interpretata fis-sens biex isir l-impediment li trid il-liġi, iżda biex tgħinha f'dawk it-talbiet, li l-liġi ma tarax bħala ħaġa illeċita. Għalhekk il-fatt biss li sejħet 'l-ommha ma għandux jirrendiha responsabili għal kwalunkwe ħaġa li ommha setgħet għamlet;

Tikkunsidra;

Illi jekk anki tiġi eżaminata x-xhieda ta' l-attur id-Dekan Camilleri u tan-nutar, jirriżulta illi omm il-konvenuta kienet marret għand in-nutar u qaltlu, fl-intervall li dan mar jikteb it-testment, illi Pietro ma riedx jagħmel xejn; iżda n-nutar ġustament ma tahiex każ u baqa' sejjer id-dar ta' Pietro. F'dik id-dar hija ipparteċipat għall-battibekk li kien hemm........... Dana kollu ma kienx impediment effettiv għall-publikazzjoni tat-testment, sija għaliex ix-xhieda lanqas kienu għadhom ġew, sija għaliex ma jidherx li kien hemm ostakoli biżżejjed biex in-nutar ma jipproċedix għall-publikazzjoni u juża l-awtorità tiegħu. Infatti n-nutar mar mhux spontaneament, imma wara li ġie liċenzjat mill-attur Dekan, meta dan qallu li qiegħed hemm għalxejn u jista' jmur mingħajr ebda protesta jew talba oħra da parti ta' Pietro; anzi, infurmat li n-nutar sejjer, u jibgħat għalih jekk ikun iridu, irrisponda affermati-

vament. Dak kollu li kellu jsir ma kienx għadu sar biex wieħed jista' jgħid illi l-publikazzjoni kienet impossibili; infatti meta ħargu l-attur Giuseppe u Angiolina Camilleri u marret omm il-konvenuta, il-battibekk spiċċa, u baqgħu hemm il-konvenuta u l-attur id-Dekan, u saru da parti ta' dan lill-marid dawk ir-rakkomandazzjonijiet biex jaħseb għal ruħu, għal martu u għal min jidhirlu skond il-kuxjenza tiegħu. Kien forsi allura l-mument li peress dak il-battibekk kien spiċċa, li n-nutar jiġi msejjaħ mill-ġdid, jekk Pietru ried ikompli f'dik il-volontà tiegħu, peress illi, kif intqal iżjed 'il-fuq, deher li huwa f'dak l-istat, fl-aħħar siegħat tal-ħajja tiegħu, xejn ma kien sod u ferm f'dik il-volontà tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi u b'dawn il-possibiltajiet li setgħu jsiru u jiġu avverati, neċessarjament għandha tiġi l-konklużjoni illi ma hemmx biżżejjed biex min għandu jiġġudika jkun konvint illi l-konvenuta għamlet atti, jew bil-prekonċert magħha ħadd ieħor għamel atti, illi effettivament u deċiżament impedew lil Pietru Camilleri biex ibiddel it-testment tiegħu, anki jekk ikun presuppost illi Pietro Camilleri sa l-aħħar baqa' b'dik il-fehma li jagħmel testment ieħor — ħaġa li ma hijiex lanqas biżżejjed assodata;

Tikkunsidra;

Illi għar-raġunijiet miġjuba l-appell inċidentali ta' l-atturi fuq il-kap ta' l-ispejjeż ma huwiex bażat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenuta u għalhekk tirrespinġi l-ewwel talba ta' l-atturi, li hija oġġett ta' dan l-appell, u tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fil-meritu fil-kap devolut f'dan l-appell;

Tirrespinġi l-appell inċidentali ta' l-atturi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-istess atturi;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-kap deċiż u devolut lil din il-Qorti jkunu mingħajr taxxa; id-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi jitħallas mill-atturi appellati. U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.